MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 162/2002

Il-Pulizija
(Spettur M. Sammut)
(Spettur Louis Vella)
Vs
David Buttigieg

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer, gewwa l-Mellieha u bnadi ohra, f'Gunju 1998 u fil-hames snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Bil-vjolenza, kkommetta stupru fuq il-persuni ta' l-ahwa minuri omissis, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 198 u 202(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) B’eghmil zieni kkorrompa persuni ta’ taht l-eta’ u cioe l-ahwa minuri omissis, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 203(1) u 203(1)(a)(b) u (c), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) Bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-prival li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil persuni u cioe’ l-ahwa minuri omissis, kontra l-volonta’ taghhom, liema delitt sar bhala mezz biex l-ahwa omissis gew imgieghla jaghmlu xi haga jew qaghdu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom, u dan bi ksur ta’ l-artikoli 86 u 87(I)(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
4) Ghal qligh, jew ghat-tqassim, wera f’post pubbliku jew f’post accessibli ghal pubbliku, zamm jew akkwista jew iccirkola jew innegozzja wkoll dan in-negozju sar bil-mohbi, oggetti, film jew stampat pornografiku u cioe’ films u/jew videos f’post pubbliku jew f’post accessibli ghal pubbliku u dan bi ksur ta’ l-artikolu 208 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5) Offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku u dan bi ksur ta’ l-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Gunju, 2002, li biha wara li rat l-Artikoli 17(b), 31 86, 87, 198, 201, 203 u 209 tal-Kap 9, sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu w kkundannatu ghall-prigunerija ta’ tmien snin li minnu jigi mnaqqas kull perjodu li ghamel taht arrest preventiv, u lliberatu mir-raba imputazzjoni peress illi din ma gietx ippruvata.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-9 ta’ Lulju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn instab hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-hames akkuzi u konsegwentement tilliberah minnhom u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal premess, f’kaz li jinstab hati ta’ xi wahda jew aktar mill-imsemmija akkuzi, li tirriforma u tirriduci l-piena ghar-ragunijiet premessi.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-24 t’Ottubru,, 2002, li bih il-Prosekuzzjoni ecceppiet in-nullita’ tar-rikors tal-appell in vista tal-karenza fit-talba finali tar-rikors peress li din kellha tkun wahda ghar-riforma fuq il-mertu u mhux ghar-revoka , stante li hu gie liberat mir-raba imputazzjoni .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur dwar din l-eccezzjoni fil-kors tas-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2003.

Ikkonsidrat ;

Illi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali hija fis-sens li kellha tintalab ir-RIFORMA tas-sentenza appellata w mhux ir-REVOKA jew THASSIR taghha a tenur tal-artikolu 419 ( c ) tal-Kap.9 u dana ghaliex l-appellant ghalkemm kien instab hati ta’ erba’ mill-akkuzi dedotti kontra tieghu , ma kienx instab hati tar-raba akkuza li tirrigwarda tqassim jew wiri f’post pubbliku jew accessibbli ghall-pubbliku ta’ films jew videos pornografici .

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Joseph Galea” [30.6.1995] per V. De Gaetano J.) , il-Kodici Kriminali ma fih ebda dispozizzjonijiet ta’ natura generali li jirregolaw certi eccezzjonijiert bhal ma hemm fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ; dak li l-Kodici Kriminali jaghmel hu li jirregola certi eccezzjonijiet b’mod specifiku. Skond gurisprudenza kostanti , n-nuqqas ta’ xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fl-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali hi sollevabbli anki “ex officio” mill-Qorti essendo dik id-dispozizzjoni w dawk ir-rekwiziti ta’ ordni pubbliku ; isegwi li tali eccezzjoni tista’ titqajjem anki mill-partijiet f’kull stadju tal-proceduri .

- Minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita’ tar-rikors ta’ appell , il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :
- (a) Bhala regola generali , l-artikolu 419 (1) , cioe’ li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet “very strictly and rigidly interpreted” .

- (b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir JEW ghat-tibdil , fil-prassi tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche’ li din it-talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda In fatti anki jekk jintalab biss it-tahsir , il-Qorti tista’ flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat – skond min ikun appella – tilqa’ l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti lliberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null.
- ( c ) ir-“raison d’etre” ta’ l-artikolu 419 (1) (a) (b) ( c ) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u l-legislatur ried li r-rikors ta’ appell ghandu jkun redatt b’tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x’inhuma l-fatti kollha essenzjali , minn x’hiex qed jilmenta l-appellant u x’inhu jitlob . Il-vot tal-ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati ‘l hawn u ‘l hinn b’mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom .
- Umbaghad fis-sentenza “Henriette Mifsud Bonnici vs. Maurice Mifsud Bonnici” [20.07.1951] (Kolloz. XXXV. Iv.747) din il-Qorti kienet irriteniet li mhux necessarju li jigu uzati ezattament il-kliem “tahsir” jew “tibdil” fit-talba tar-rikors u hu sufficjenti jekk jigu uzati kliem bhal “tirrevoka” jew “tannulla” li jfissru l-istess bhal “thassar” jew “tahsir” . In fatti fil-prassi ta’ din il-Qorti il-kliem “thassar” , “tirrevoka” u “tannulla” huma uzati b’mod indiskriminat proprju ghax ifissru bazikament l-istess haga . Hekk ukoll il-kliem “tvarja” “tbiddel” u “tirriforma”

Illi f’dik is-sentenza dik il-Qorti ghaddiet in rassenja il-gurisprudenza principali li minnha kienu jemergu dawn il-punti saljenti w cioe’ “La Polizia vs. Ernesto Laiviera”, 18.10.1930 ; Vol. XXVII , iv. P.829; La Polizia vs. Carmelo Carabott et” 8.11.1933, Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. 23.1.1971; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. 11.11.1976 ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App.

Krim. 1.9.1977; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et , 26.4.1985; Pulizija vs. Anthony Zammit 1.10.1960 Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. 16.9.1972 ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. 14.10.1972; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. 5.10.1990; Pulizija vs. Joseph Desira 18.3.1972 ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , 18.3.1972; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim.6. 5. 1972.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li fejn l-appellant ikun gie misjub hati ta’ xi akkuzi u misjub mhux hati ta’ ohrajn , ghandha tintalab ir-RIFORMA tas-sentenza u MHUX IR-REVOKA jew THASSIR taghha. Altriment ikun hemm in-nullita’ tar-rikors ta’ l-appell fuq il-bazi ta’ karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu ( c ) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kap.9. (App. Krim. Pul. vs.Joe Borg” [21.7.1995] u ohrajn.)

Illi gie ukoll ritenut li l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f’kaz ta’ talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma , tibdil jew varjazzjoni, mbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha , fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir , jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed issir appell minnha w fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal per ezempju li ma tinstabx htija ta’ akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena . (App. Krim. “Il-Pulizija vs. Joseph John Agius” 9.4.2003)

Issa f’dan il-kaz din il-Qorti l-ewwel giet mitluba mill-appellant li “tirrevola (Sic! – recte tirrevoka) dik il-parti tas-sentenza appellata fuq imsemmija fejn instab hati tal-ewwel, tieni, tielet u hames akkuzi w konsegwentement tilliberah minnhom u sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghal premess , f’kaz li jinstab hati ta’ xi wahda jew aktar mill-imsemmija akkuzi , li tirriforma w tirrudici l-piena…”

Illi jibda’ biex jinghid li l-fatt li l-appellant talab ukoll li din il-Qorti “tirriforma w tirriduci l-piena “ , ma tipprezentax diffikulta’ ghax din it-talba hija manifestament maghmula

“in subordine” u biss “f’kaz li jinstab hati ta’ xi wahda jew aktar mill-imsemmija akkuzi” u ghalhekk skond il-gurisprudenza fuq citata setghet issir talba simili “in subsidium” ghall-ewwel wahda tar-revoka tas-sentenza. Din l-ahhar talba fiha ukoll it-talba ghar-riduzzjoni tal-piena ghalkemm strettament ma fihix ukoll it-talba ghar-revoka tal-piena inflitta , haga li kien ikun ahjar kieku saret ukoll.

Id-diffikulta’ li tqum tirrigwarda l-parti tal-appell dwar il-htija o meno tal-appellant ta’ erba mill-hames akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni l-abbli difensur issottometta illi skond il-gurisprudenza kien rikjest li min ikun qed jitlob xi haga ikun car f’dak li qed jitlob lejn il-Qorti . F’dan il-kaz l-appellant individwalizza dak li qed jitlob billi talab ir-revoka tal-parti fejn instab hati biss . Ghalhekk il-pozizzjoni kienet differenti minn kazijiet ohra li ssemmew. Mill-banda l-ohra l-abbli Prosekutur sostna li  l-artikolu 419 tal-Kodici Kriminali timponi ghazla cara bejn talba ghal tahsir u talba ghal tibdil  u li meta issir talba meta suppost  issir ohra, jkun hemm in-nullita’ skond il-gurisprudenza.

Fl-appell kriminali “Il-Pulizija vs. Tania Lorraine Abela “ (30.10.2001) din il-Qorti diversament preseduta irriteniet li :-

“Gja la darba l-Ewwel Qorti ma sabitx htija fl-appellanti f’ xi uhud mill-akkuzi dedotti kontriha, u fil-fatt kienet illiberatha minnhom , allura skond il-ligi t-talba fir-rikors tal-appell taghha kellha tkun ghar-riforma tas-sentenza appellata w mhux ghat-thassir , revokar u kancellament tal-istess sentenza. L-appellanti setghet  tappella biss minn dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li sabitha hatja w titlob li dik il-parti tigi revokata **, fil-waqt li titlob li l-parti liberatorja tigi konfermata . Tali zball fil-forma mhux rimedjabbli u jwassal ghan-nullita’ tar-rikors tal-appell.”**

Umbaghad fl-appell kriminali “Il-Pulizija vs. Nazzareno sive Reno Zarb et.” (17.10.2002) ,  din il-Qorti iddikkjarat l-appell ta’ wiehed mill-appellanti , Carmelo sive Charles

Mugliette null ghax  proprju uza dicitura simili  ferm ghal dik li hemm fir-rikors odjern u precizament ghax minnflok ir-riforma , talab li din il-Qorti "joghogobha thassar u tirrevoka s-sentenza billi tiddikjarah mhux hati tar-raba akkuza u tvarja l-piena ghal wahda aktar gusta" meta hu kien gie liberat minn akkuzi ohra fl-istess sentenza.

Illi umbaghad kif gie ritenut mill-Onor. Imhallef  V. De Gaetano (illum Prim' Imhallef) fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia" (13.2.2001) :-

"Kif gie ritenut diversi drabi minn din il-Qorti, meta talba ghandha manifestament tkun talba ghar-riforma mentri tigi mitluba r-revoka , r-rikors tal-appellant hu null fuq bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu  ( c ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 tal-Kap. 9."

Illi minn din il-gurisprudenza fuq citata jidher li fil-kaz odjern din il-Qorti ma ghandhiex alternattiva hlief li tiddikjara l-appell tal-appellant karenti fil-forma preskritta f'cirkostanzi simili.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiiddikjara l-appell irritu w null ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 419 (1) (c ) tal-Kodici Kriminali, kif interpretat fil-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati w kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell .

--------------------------------TMIEM--------------------------------